32001R1334

L 180/18 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 3.7.2001

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1334/2001

tat-22 ta' Lulju 2001

dwar l-awtorizzazzjoni provviżorja għal addittiv ġdid fl-għalf

(Test b' rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 dwar adittivi fl-għalf [1], kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-kummissjoni (KE) Nru 26972000 [2], u partikolarment l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 70/524/KEE tipprovdi li jistgħu jiġu awtorizzati adittivi ġodda wara r-rivista' ta' applikazzjoni li saret skond l-Artikolu 4 tad-Direttiva.

(2) L-Artikolu 9e(1) tad-Direttiva jipprovdi li awtorizzazzjoni provviżorja ta' additiv ġdid tista' tingħata jekk il-kondizzjonijiet tal-Artikolu 3a(b) sa (e) tad-Direttiva jintlaħqu u jekk huwa raġonevoli li wieħed jassumi, b'kunsiderazzjoni tar-riżultati disponibbli, li meta użati fin-nutriment ta' l-annimali, għandu wieħed mill-effetti msemmija fl-Artikolu 2(a). Tali awtorizzazzjoni provviżorja tista' tingħata għal perjodu ta' erbgħa' snin fil-każ ta' additivi msemmija fil-Parti II ta' l-Anness Ċ tad-Direttiva, inklużi promoturi tat-tkabbir.

(3) L-Artikolu 2(aaa) tad-Direttiva 70/524/KEE jeħtieg awtorizzazzjonijiet biex il-promoturi tat-tkabbir jiġu konnessi mal-persuna responsabbli talli tqiegħdhom fiċ-ċirkolazzjoni

(4) L-istima tad-*dossier* sottomessa rigward l-awtorizzazzjoni ta' *potassium diformate* li jappartjeni għall-grupp ta' Promoturi tat-tkabbir' deskritt fl-Anness juri li jissoddisfa l-kondizzjonijiet imsemmija fuq, u jista għalhekk jiġi awtoriżżat fuq bażi provviżorja għal terminu ta' erbgħa snin.

(5) L-istima tad-*dossier* turi li jistgħu jiġu meħtieġa xi proċeduri sabiex il-ħaddiema jitħarsu mill-espożizzjoni għall-additiv. Tali protezzjoni għandha madankollu tiġi aċċertata b' applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jitħeġġeġ it-titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol [3].

(6) Il-Kumitat Xjentifiku dwar Nutriment ta' l-Annimali ta' opinjoni favorevoli rigward is-sigurtà għall-annimali, l-utenti, il-konsumaturi u l-ambjent tal-promotur tat-tkabbir taħt il-kondizzjonijiet deskritti fl-Anness imsemmi.

(7) Il-miżuri previsti f' dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permenenti għall-Għalf,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-additivi li jappartienu fil-grupp 'Promoturi tat-Tkabbir' elenkati fl-Anness imsemmi tar-Regolament preżenti huwa provviżorjament awtorizzat għall-użu bħala additiv fin-nutriment ta' l-annimali taħt il-kondizzjonijiet f' dak l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fil- jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-1 ta' Lulju 2001.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul f' Brussel, 2 July 2001.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 270, ta' l-14.12.1970, p. 1.
[2] ĠU L 319, tas-16.12.2000, p. 1.
[3] ĠU L 183, tad-29.6.1989, p. 1.

L-ANNESS

Numru ta' reġistrazzjoni ta' l-additiv	Isem u numru ta' reġistrazzjoni tal-persuna responsabbli li tqieghed l-additiv fiċ-ċirkolazzjoni	Additiv (isem kummerċjali)	Kompożizzjoni, formula kimikali, deskrizzjoni	Speċi jew kategorija ta' l-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet orajn	Tmiem ta' perjodu awtorizzat
						(mg ta' sustanza attiva/Kg ta' ghalf komplut)			
Promoturi tat-tkabbir									
1	Norsk Hydro Ltd.	Potassium diformate (FormiTm LHS)	Kompożizzjoni ta' additiv: *Potassium diformate*, solidu 98 g/100 g, Silikat 1,5 g/100 g, Ilma 0,5 g/100 g Sustanza attiva: Potassium diformat, solidu $KH(COOH)_2$ CAS No 20642-05-1	Żriemeg	xahrejn	6 000	6 000	–	tat-30.6.2005
				Majjali ghas-smin	–	6 000	6 000	–	tat-30.6.2005